MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Numru. 1288/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin J. Farrugia]**

**vs**

**Shaun Debono**
**-omissis-**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Shaun Debono detentur tal-karta tal-identita' numru 21574(M).

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Settembru 2011;

1. Ikkommetta serq ta' propjreta' (ghodda) minn gewwa il-fond numru 24, 'San Gaetano', fi Triq Miggiani, Hamrun ghad-dannu ta' Noel Apap li ghandu numru tal-identita' 526972(M) u Marcel Apap li ghandu numru tal-

identita` 002094(M), liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, bil-valur (ta' aktar minn €232.94 imma mhux aktar minn €2,329.37), u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263, 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Gewwa l-fond numru 24, 'San Gaetano', fi Triq Miggiani, Hamrun, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobli jew immobli, liema hsara tammonta ghall-anqas minn €116.47 imma izjed minn €23.29 u dan ai termini tal-Artikolu 325 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Maria Caruana li ghandha numru tal-karta tal-identita` 0144949(M), Noel Apap li ghandu numru tal-identita` 526972(M) u Marcelle Apap li ghandu numru tal-identita` 002094(M);

3. Xjentament laqa' ghandu jew xtara, hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentament b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Talli kiser il-kundizzjoni taht l-Artikolu 7 tal-Kap 446 b'sentenza datata 20 ta' Novembru 2009, moghtija mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D.

-omissis-
Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammssjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 325(C) u 334 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat Shaun Debono hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, hlief ghat-tieni akkuza stante li hi alternattiva ghal tal-ewwel akkuza u tikkundannah ghal tnax-il (12) xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------